**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**ILLUM, 25 TA' FRAR, 2021**

**Kawza Numru: 29**

**Rik. Gur. 1085/2020 RGM**

**Ta' Gauci Poultry Limited**
**(C 17609)**

**vs.**

**Dusk & Dawn Limited**
**(C 21800)**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' Gauci Poultry Limited prezentat fit-18 ta' Novembru, 2020 li permezz tieghu ippremettiet u talbet is-segwenti:

Illi s-socjeta rikorrenti tiggestixxi negozju ta' bejgh ta' tigieg u tajr iehor ghal konsum lokali.

Illi s-socjeta rikorrenti ipprovdiet lis-socjeta intimata servizz ta' fornituri ta' tigieg u tajr iehor fuq inkarigu ta' l-stess socjeta intimata, u attwalment jirrizulta ammont bilancjali ta' €42,742 (tnejn u erbghin elf, seba' mija u tnejn u erbghin ewro) dovut lis-socjeta rikorrenti;

Illi l-imsemmija somma ta`€42,742 (tnejn u erbghin elf, seba' mija u tnejn u erbghin ewro) hija l-ammont bilancjali kumplessiv attwalment dovut lis-socjeta rikorrenti, u dan kif ikkonfermat minn rendikont hawn anness u mmarkat bhala Dokument A;

Illi effettivament, id-direttur tas-socjeta intimata Joseph Camilleri irrikonoxxa dan id-debitu, b'dan li fit-18 ta' Ottubru 2020 iffirma l-istess Dokument A hawn anness;

Illi madankollu, f'pagament sussegwenti, s-socjeta intimata ma onoratx cekk bankarju ipprezentat minnha stesss, u dan kif jirrizulta min kopja ta' l-istess cekk, hawn anness u immarkat bhala Dokument B;

Illi s-socjeta intimata interpellata diversi drabi ghal hlas baqghet inadempjenti, u ghalhekk kellha issir din l-istanza;

Illi dan il-kreditu huwa cert, likwidu u dovut u s-socjeta intimata m'ghandhiex eccezzjonijiet validi xi tressaq kif jirrizulta mill-affidavit ta` Mark Gauci hawn anness u mmarkat bhala Dokument C.

Ghaldaqstant tghid s-socjeta intimata ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh a` tenur tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta intimata hija debitrici tas-socjeta rikorrenti fl-ammont ta' €42,742 (tnejn u erbghin elf, seba' mija u tnejn u erbghin ewro) liema ammont jirraprezenta bilanc kumplessiv attwalment dovut lis-socjeta rikorrenti, fuq fornituri ta' tigieg u tajr iehor;

3. Tikkundanna lis-socjeta intimata sabiex thallas is-somma ta` €42,742 (tnejn u erbghin elf, seba' mija u tnejn u erbghin ewro) lis-socjeta rikorrenti.

Bl-ispejjez, u bl-interessi legali relattivi, kontra s-socjeta intimata li hija minn issa huma ngunta ghas-subizzjoni.

Rat illi s-socjeta' konvenuta giet notifikata fis-6 ta' Jannar 2021.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-16 ta' Frar 2021 minn fejn jirrizulta illi deher Joseph Camilleri ghas-socjeta' konvenuta debitament assistit li pprezenta nota ta' ammissjoni.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat illi fuq l-ammissjoni tas-socjeta' konvenuta it-talbiet attrici jirrizultaw gustifikati.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza billi, fuq ammissjoni tas-socjeta' konvenuta, tilqa' t-talbiet attrici:-

1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh a` tenur tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta intimata hija debitrici tas-socjeta rikorrenti fl-ammont ta’ €42,742 (tnejn u erbghin elf, seba’ mija u tnejn u erbghin ewro) liema ammont jirraprezenta bilanc kumplessiv attwalment dovut lis-socjeta rikorrenti, fuq fornituri ta’ tigieg u tajr iehor;

3. Tikkundanna lis-socjeta intimata sabiex thallas is-somma ta` €42,742 (tnejn u erbghin elf, seba’ mija u tnejn u erbghin ewro) lis-socjeta rikorrenti.

4. Bl-imghax legali b’effett mis-6 ta’ Jannar 2021, id-data tan-notifika tar-rikors guramentat, sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta intimata.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imhallef**
25 ta’ Frar 2021

**Ruth Camilleri**
**Deputat Registratur**